



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

24.7.2013

## **DOKUMENT TA' ĦIDMA**

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996, li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (COM(2013)0195)

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Jörg Leichtfried

DT\944682MT.doc

PE516.725v02-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

## **Il-leġislazzjoni attwali**

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali tistabbilixxi d-dimensjonijiet u l-piżijiet massimi għall-vetturi li jiċċirkolaw fl-Unjoni Ewropea u tindika taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jingħataw derogi għal dawk il-limiti.

Madanakollu, ma tqisx l-iżviluppi reċenti li saru fir-rigward tas-suq u t-teknoloġija.

## **Il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2013) 0195)**

Bil-għan li aktar vetturi ajrudinamiċi b'effiċjenza enerġetika aħjar jitħallew jitpoġġew fis-suq mingħajr ma tkun kompromessa l-kapaċità tat-tagħbija kummerċjali tagħhom, il-Kummissjoni qed tipproponi li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE billi tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

- żieda fil-piż totali ta' vettura sabiex takkomoda l-possibilità li jintużaw magni ġeneralment itqal, ibridi u elettriċi. Din il-miżura tqis ukoll il-piż medju tal-passiġġier f'xarabanks kummerċjali, li dan żdied mindu daħlet fis-seħħ id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE;
- żieda fit-tul totali ta' vettura sabiex takkomoda l-possibilità li jitwaħħlu aktar kabini tat-tratturi ajrudinamiċi u/jew flaps sempliċi fuq wara. Din il-miżura tagħmilha possibbli wkoll li kontejners tal-45 pied – li qed isiru standard f'modi oħra ta' trasport – jinġarru, b'hekk titjeb l-integrazzjoni tat-trasport tat-triq fin-netwerks intermodali;
- introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-penali sabiex l-ispezzjonijiet waqt it-traġit ikunu aktar immirati u effiċjenti u jiġi stabbilit qafas komuni għall-penali li japplikaw għall-Istati Membri kollha;
- b'mod espliċitu tħalli l-użu transfruntier ta' vetturi tval għal vjaġġi li jaqsmu biss fruntiera waħda, sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet.

## **Punti għad-diskussjoni**

### **1. Iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' trakkijiet tval (l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE)**

Huwa propost li b'mod espliċitu ssir regolari li jitħallew jiċċirkolaw vetturi tval fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati diġà jippermettuh u jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet għad-derogi skont l-Artikolu 4(3), (4) jew (5) tad-Direttiva 96/53/KE. Il-Kummissjoni targumenta li din il-miżura m'għandhiex impatt sinifikattiv fuq il-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti għas-sikurezza fit-toroq jippermettuh. Barra minn hekk, skont il-proposta, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà li jiddeċiedi x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom huwa f'bilanċ mal-ħtieġa li t-tali politiki ma jfixklux is-suq intern.

*Il-kummenti tar-rapporteur:*

Oriġinarjament il-Kummissjoni ddikjarat li, jekk ikun ikkonfermat l-użu transfruntier ta' trakkijiet twal u tqal, tibda proċeduri kontra l-Istati Membri talli jiksru d-Direttiva 96/53/KE. Madankollu, il-Kummissjoni biddlet kompletament l-interpretazzjoni tagħha dwar id-Direttiva fir-rigward ta' dan il-punt wara li ġiet avviċinata minn numru ta' partijiet interessati. Ir-rapporteur jixtieq jindika f'dan ir-rigward li l-proċeduri demokratiċi jeħtieġ li jkunu rrispettati u li kwalunkwe tibdil fir-rigward ta' x'inhu permess fit-traffiku transfruntier għandu jsir minn koleġislaturi aktar milli fuq talba tal-partijiet interessati.

Ir-rapporteur jixtieq jindika li xi parlamenti nazzjonali u xi korpi leġiżlattivi (bħal kemm il-kamra tal-Parlament Awstrijakk u l-Bundesrat Ġermaniż) esprimew tħassib dwar kif 'gigaliners' tħallew b'mod espliċitu jaqsmu l-fruntieri bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-rapporteur ma jaqbilx mal-argument li tali traffiku ma jaffetwax il-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni. Fil-fatt, huwa jemmen li jekk jitħalla t-tali traffiku transfruntier bejn xi Stati Membri waqt li jiġi projbit bejn Stati Membri oħrajn, mhux biss ipoġġi lil dawk l-Istati Membri li jipprojbixxuh fi żvantaġġ ekonomiku, iżda jispiċċaw ukoll ikunu soġġetti għal pressjoni kbira minn manifatturi, operaturi tat-trasport u stati ġirien biex ibiddu l-leġiżlazzjoni tagħhom. Dan imbagħad jista' jwassal biex minn naħa jsiru għażliet ta' kompromessi perikolużi bejn l-bżonn ta' Stat Membru li jipproteġi l-interessi ekonomiċi tal-kumpaniji domestiċi tiegħu, u min-naħa l-oħra, il-bżonn li jiżgura s-sigurtà u l-protezzjoni ambjentali tiegħu.

Ir-rapporteur jixtieq jindika li l-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt fuq iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' vetturi twal u tqal (LHVs). Madanakollu, studji indipendenti juru li ferroviji li jgħorru l-merkanzija u t-trasport kombinat isofru tnaqqis sinifikanti fil-volum ta' trasport jekk gigaliners jitħallew joperaw bejn il-fruntieri.<sup>1</sup> Għaldaqstant, ir-rapporteur jikkunsidra li jekk jitħallew trakkijiet twal jiċċirkolaw liberament bejn l-Istati Membri differenti jkun kontroproduktiv fir-rigward ta' wieħed mill-għanijiet prinċipali elenkati fil-White Paper dwar il-Politika tat-Trasport tal-Kummissjoni<sup>2</sup>, jiġifieri, dak li jgħib bidla modali mit-triq għall-ferrovija fl-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, trakkijiet twal u tqal jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-sigurtà fit-toroq, u jikkawżaw inċidenti serji minħabba l-piż u d-dimensjonijiet tagħhom.

Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni Ewropea, biex tkun iffaċilitata aktar il-bidla modali mit-triq għall-ferrovija u biex ikunu ppreservati d-drittijiet tal-Istati Membri fir-rigward tas-sussidjarjetà, għandu jkun ipprojbit b'mod espliċitu li l-gigaliners jaqsmu l-fruntieri bejn l-Istati Membri. Għandu jkun l-Istat Membru nniffsu li jiddeċiedi jekk jippermettix iċ-ċirkolazzjoni tagħhom, fuq bażi mhux diskriminatorja, fi ħdan it-territorji rispettivi tagħhom. Madanakollu, peress li t-trakkijiet twal huma wkoll aktar tqal u għalhekk jistgħu jwasslu biex l-infrastruttura tat-triq tiddeterjora aktar malajr, iċ-ċirkolazzjoni tagħhom għandha tkun soġġetta għal pedaqġi aktar għolja, fejn japplika.

<sup>1</sup> TIM Consult (2006): <http://www.uirr.com/en/media-centre/press-releases-and-position-papers/2006/mediacentre/17-study-on-longer-and-heavier-road-vehicles-gigaliner.html>  
Kessel & Partner/Fraunhofer (2012): <http://www.uirr.com/en/media-centre/press-releases-and-position-papers/2012/mediacentre/492-study-on-longer-and-heavier-road-vehicles-gigaliner.html>

<sup>2</sup> COM(2011)0144

## 2. Titjib fil-prestazzjoni ajrudinamika u s-sigurtà fit-toroq ta' vetturi (l-Artikoli 8 u 9)

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tippermetti li jitwaħħal tagħmir ma' wara tal-vetturi li jtejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika ta' vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi (l-Artikolu 8). Sabiex ikun żgurat li dan it-tagħmir addizzjonali huwa wkoll konformi mas-sigurtà fit-toroq, għandhom ikunu mwaħħla sew, immarkati matul il-jum u l-lejl, m'għandhomx iżidu r-riskju għal vetturi oħra f'każ ta' ħbit u m'għandhomx iżidu r-riskju li jinqalbu minħabba rjiħ laterali.

Barra minn hekk, il-proposta tippermetti li jsiru tibdiliet għal kabini tat-tratturi sabiex ikunu aktar effiċjenti mil-lat ajrudinamiku, titjeb il-viżibilità, u biex titjeb is-sigurtà għas-sewwieq u s-sigurtà ta' utenti vulnerabbli tat-toroq billi jiġu eliminati l-partijiet mhux viżibbli (l-Artikolu 9).

*Il-kummenti tar-rapporteur:*

Waqt li r-rapporteur jappoġġja t-tibdil fl-ajrudinamika tal-vetturi li ġie propost fl-Artikolu 8, u jaqbel mal-karatteristiċi prinċipali tagħhom, jixtieq jindika li wara li jiġu mwaħħla l-flaps addizzjonali jew tagħmir ajrudinamiku ieħor mal-parti esterna tal-vettura, ikun xorta possibbli li dik il-vettura titgħabba u tiġi ttrasportata bil-ferrovija bħala parti mill-operazzjonijiet ta' trasport kombinat. Il-leġiżlatur għandu jiżgura li t-titjib ajrudinamiku fi trakkijiet la jipprevjeni u lanqas jiskoraġġixxi t-trasport kombinat.

Ir-rapporteur huwa ddiżappuntat li l-proposta tinjora b'mod totali l-kwistjoni tal-għoli tal-vetturi. Huwa wkoll tal-fehma li hija tal-mistħija li kważi ma saru l-ebda studji xjentifiċi rigward l-impatt tal-aġġustamenti ajrudinamiċi proposti. Jixtieq jenfasizza li t-trasport kombinat għandu potenzjal ħafna akbar milli trakkijiet isiru aktar ajrudinamiċi f'termini ta' għajjnuna biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>.

L-aħħar iżda mhux l-anqas, ir-rapporteur jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li regoli li jirregolaw apparat ajrudinamiku fir-rigward tad-dimensjonijiet tal-vetturi diġà huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 jipprova għall-eżenzjonijiet relatati mat-titjib ajrudinamiku li jitwaħħal ma' wara tal-vetturi (500 mm kumparat ma', b'mod tranżitorju, 2000 mm kif propost fil-COM(2013)0195) u tagħmir li jitwaħħal mal-għub tal-vetturi. Hemm il-bżonn li jiġi ċċarat jekk hix verament neċessarja direttiva ġdida li tindirizza l-istess kwistjoni. Jekk hija neċessarja, irid ikun hemm konsistenza bejn iż-żewġ biċċiet tal-leġiżlazzjoni.

Fir-rigward tas-sigurtà fit-toroq, ir-rapporteur jilqa' l-fatt li l-għanijiet proposti huma li titjeb il-manuvrabilità tal-vettura u l-viżibilità u s-sigurtà tas-sewwieq (l-Artikolu 9) u jixtieq li jsaħħaħ dawn id-dispożizzjonijiet billi jagħmel it-tibdiliet għad-disinn tal-kabini ta' tratturi obligatorji aktar milli volontarji. Huwa stmat li tibdil fid-disinn tal-kabini jista' jsalva minn 300 sa 500 ħajja fis-sena, jiġifieri tnaqqis ta' 10% (meta komparat mas-sitwazzjoni attwali) fin-numru ta' fatalitajiet f'inċidenti li jinvolvu trakkijiet. Is-sigurtà fit-toroq ilha għal żmien twil prijorità ewlenija għall-Parlament Ewropew, kif konfermat mir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27

ta' Settembru 2011 dwar is-Sigurtà fit-Toroq Ewropej 2011-2020<sup>1</sup>. Ir-rapporteur jemmen li huwa importanti li t-tibdil fid-disinn tal-kabini jsir mandatorju, skont il-prijoritajiet tas-sigurtà fit-toroq li stabbilixxa l-Parlament. Dawn il-miżuri ma jeħtieġu ebda kisba teknoloġika, peress li t-teknoloġija meħtieġa hija magħrufa u, jekk ir-rieda politika tkun hemm, jistgħu jiġu introdotti f'qasir żmien. Jista' jkun previst perjodu tranżitorju sabiex il-manifatturi jkollhom aktar ħin biex jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn il-ġdid.

### **3. Preselezzjoni u kontrolli fil-mira (l-Artikolu 12)**

Huwa propost li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni u mmirar tal-kontrolli fuq vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni sabiex l-ispezzjonijiet ikunu aktar immirati u aktar effiċjenti. L-għan ta' din il-preselezzjoni huwa li jkunu identifikati l-vetturi li dwarhom hemm sospett ta' ksur u li għandhom għalhekk jiġu kkontrollati manwalment. Fil-proposta huwa ddikjarat li dan jista' jsir jew billi jiġu stabbiliti sistemi awtomatiċi fuq l-infrastruttura (l-Artikolu 12(2)) jew billi jiġi installat tagħmir ta' ppeżar abbord (l-Artikolu 12(6)).

#### *Il-kummenti tar-rapporteur:*

Ir-rapporteur jaqbel mal-għan li tiġi stabbilita s-sistema ta' preselezzjoni li tista' twassal għal kontrolli aktar immirati u aktar effiċjenti u jitnaqqas il-piż minn fuq kemm l-operaturi tat-trasport li jikkonformaw u l-awtoritajiet ta' spezzjoni. Sabiex fl-Unjoni jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi trasferita r-responsabbiltà għall-konformità mar-regoli tas-sigurtà mill-awtoritajiet ta' spezzjoni għal fuq operaturi tat-trasport u spedituri, ir-rapporteur jixtieq li tkun obligatorja għal vetturi li jkunu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord. Il-proposta tiffoka fuq il-kontrolli tal-piż (eċċess fil-piż), iżda huwa importanti wkoll li jsiru kontrolli tad-dimensjoni (fuq il-wisa', it-tul u l-għoli). Fl-aħħar, mhuwiex ċar jekk id-devjazzjonijiet aċċettati (jiġifieri, anqas minn 5% għall-piż u anqas minn 2% għat-tul u l-wisa') mid-dimensjonijiet magħrufa għandhomx ikunu stabbiliti fil-proposta bl-iskop li jiġi identifikat ksur. Ir-rapporteur jippreferi li għal tali limiti ikun stabbilit approċċ armonizzat aktar milli kull Stat Membru ikun permess jiddeċiedi għalih jekk jimponix il-penali għal tali ksur.

### **4. Atti delegati (l-Artikolu 16)**

Il-proposta tipprovdi li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tiddefinixxi r-rekwiżiti imposti fuq it-tagħmir ajrudinamiku ġdid li jitwahaħhal ma' wara tal-vettura (l-Artikolu 8(4)), id-disinn ta' vetturi ġodda bil-mutur (l-Artikolu 9(5)), l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex tkun żgurata l-interoperabilità tat-tagħmir ta' ppeżar abbord, u l-linji gwida dwar il-proċeduri għall-iċċekkjjar tal-piż tal-vetturi fiċ-ċirkolazzjoni (l-Artikolu 12(7)).

#### *Il-kummenti tar-rapporteur:*

Filwaqt li hemm bżonn ta' ċertu flessibilità sabiex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni tlaħħaq mal-iżvilupp teknoloġiku, madankollu għandu jkun hemm valutazzjoni ċara biex jiġi determinat jekk id-delega ta' setgħat proposta lill-Kummissjoni hix neċessarja fl-oqsma kollha. Il-

---

<sup>1</sup> ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 54.

leġislatur huwa fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għat-testi leġislattivi. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-delegazzjoni tas-setgħat proposta jidher li hu wiesa' żżejjed u l-Parlament għandu jirriserva d-dritt li jemenda l-elementi kruċjali permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja.